MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 319/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giuseppe Griffin**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Giuseppe Griffin talli:

(1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fil-21 ta' Dicembru 2010 gewwa City Bites, Triq Zakkarija, Valletta, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali li

jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82(2) ta' l-Att Nru.XXIII ta' l-1998;

(2) fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu, jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a)(e) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), u 82(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-istess Kapitolu 406 sabet lill-imsemmi Giuseppe Griffin hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghha kkundannatu multa ta' seba' mitt euro (€700). Peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Giuseppe Griffin ipprezentat fl-14 ta' Lulju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, u tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni erroneja ta' l-artikolu 82(2) tal-Kap. 406 tal-

Ligijiet ta’ Malta. Huwa jirreferi ghall-*proviso* ta’ l-imsemmi artikolu 82(2) li jipprovdi:

**“izda dak il-principal jew persuna registrata ma jkunx hati ta’ reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b’diligenza ragonevoli jkun jaf b’dak l-eghmil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta’ jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas.”**

L-appellant imbaghad jirreferi ghall-klawzola numru hamsa (5) ta’ l-iskrittura esebita li tghid: *“On his part the second party shall be bound to operate the establishment in accordance with the law and relative regulations ….”*

**6.** L-appellant isostni li minn dan jidher car illi huwa uza d-diligenza rikjesta meta ttrasferixxa l-gestjoni tal-hanut tieghu lil terz. Inoltre ma kellux ghalfejn jahseb illi l-affarijiet mhumiex mexjin sewwa ghaliex dan kien l-uniku incident li qatt inqala’ matul il-ftehim. L-appellant jissottometti illi min iwelli l-avvjament tieghu ma jistax joqghod jaghmel l-ghassa fl-istabbiliment. Jghid illi bl-insenjament ta’ l-ewwel Qorti, hadd ma jista’ aktar bis-serhan tal-mohh jidhol f’arrangamenti simili li huma skond il-ligi. Ghalhekk jirritjeni li s-sentenza appellata tmur kontra l-kummerc hieles. Isegwi illi huwa ma setax kien jaf b’dak l-ghemil li gara ghax huwa ma kienx prezenti.

**7.** Fis-seduta ta’ l-14 ta’ Dicembru 2011 Dott. Jose` Herrera ghall-appellant u Dott. Francois Dalli ghall-Avukat Generali ddikjaraw li kienu qeghdin jaqblu dwar il-fatti tal-kaz. Il-fatti fil-fatt kienu li fil-21 ta’ Dicembru 2010 zewg spetturi tal-VAT kienu fil-hanut City Bites, fi Triq Zakkarija, Valletta, u meta kienu hdejn il-*counter* osservaw il-bejgh ta’ flixkun ilma ghall-prezz ta’ €0.70. Irrizulta li l-ircevuta li nghatat lix-xerrej ma kinitx wahda fiskali. L-impjegat li kien effettwa l-bejgh gie mgharraf b’dan, huwa ddikjara li ma kienx konxju ta’ dan u qalulu biex jinforma lill-persuna registrata, biex ma juzax is-sistema sakemm tkun kompatibbli mar-regolamenti u biex jistalla *cash register* fiskali. Il-persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa l-appellant li, permezz ta’ skrittura

datata 21 ta' Ottubru 2009 ghadda l-gestjoni ta' l-istabbiliment lil certu Jefrin Grech f'isem is-socjeta` Gigi's Co. Ltd. *"for management and commercial operation"*.

**8.** Issa, jirrizulta illi ghalkemm l-appellant ghadda l-gestjoni ta' l-istabbiliment in kwistjoni kif inghad, l-appellant baqa' registrat mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-finijiet tal-ligi tal-VAT. Sahansitra jirrizulta mill-ittra tal-11 ta' Jannar 2011 (a fol. 10) li t-talba ghall-hrug ta' *"Computer Generated Receipts"* saret f'ismu u l-approvazzjoni nharget f'ismu. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettiq ta' l-impieg tieghu, jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk dik il-persuna l-ohra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innifisha kif ukoll mill-principal taghhom jew persuna registrata: izda dak il-principal jew persuna registrata ma jkunx hati ta' reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf b'dak l-eghmil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas."**

**9.** L-appellant ma jistax jippretendi li uza d-diligenza rikjesta semplicement ghax "ittrasferixxa l-gestjoni tal-hanut tieghu lil terz" u obbliga lil dak it-terz imexxi l-istabbiliment *"in accordance with the law and relative regulations"*. Jidher li l-istabbiliment in kwistjoni kien diga` gestit mill-appellant. Ghalhekk l-inqas li seta' jaghmel kien li jassigura ruhu li s-sistema komputerizzata ghall-hrug ta' rcevuti uzata mis-socjeta` Gigi's Co. Ltd. bin-numru tieghu tal-VAT kien *"VAT compliant"*. Dan mhuwiex kaz ta' impjegat li ma harigx rcevuta izda li kien qieghed johrog ircevuti minn sistema li ma kinitx *VAT compliant"*. Tant l-appellant kien konxju illi tista' tinqala' sitwazzjoni fejn jinkorri xi forma ta' responsabbilta`, li anke pprovda fl-iskrittura msemmija li *"in the event that the First Party*

*shall be responsible to pay any fine, multa or any other emolument, then the Second Party is to reimburse him of same within 24 hours from when he is called upon to do so."* Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha u konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonfema s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------